**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 15/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charlot Pisani Aber**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Charlot Pisani Aber, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0239781(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 t'Ottubru 2019 u fil-jiem ta' qabel ġewwa Bulebel, Zejtun, kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, ipposjeda, ittrasporta, b'kull mod biegħ, xtara, offra għall-bejgħ jew importa xi ezemplari ta' speċi elenkati fl-Iskeda VI(a) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat u ċioe Pixxitondu (*Shortfin Mako Shark*) *Isurus Oxyrinchus*, dan meta ma kienux meħuda legalment qabel l-inkluzjoni tagħhom fl-Iskedi u meta ma kellux permess maħruġ minn qabel mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' regolament 25(1)(a) tal-Avviz Legali 311 tal-2006 hekk kif sussegwentement emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi relevanti, senjatament

ir-regolament 25 u Skeda VI(a) tal-Liġi Sussidjarja 549.44, sabet lill-imputat Charlot Aber Pisani ħati tal-unika imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundanatu għal multa ta' €10,000. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti* inkluż tal-ezemplari suġġett tal-proċeduri odjerni.

Rat ir-rikors tal-appellant Charlot Pisani Aber, ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament tirriformaha billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tvarja s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appellant iressaq ħames aggravji, li jikkonċernaw:

a) L-inammissibbilita' tal-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet minnu rilaxxati lill-uffiċjali investigattivi u tad-dokumenti minnu mgħoddija lil dawn l-uffiċjali u dan għaliex ma kienx asssitit minn avukat;
b) L-inammissibbilita' ta' provi magħmula permezz ta' dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni li huma kopja mhux awtentikata u kwindi ma għandhom ebda valur probatorju;

c) In-nuqqas ta' prova magħmula mill-Prosekuzzjoni dwar in-natura tal-ispeċi maqbuda mill-pussess ta'l-appellant stante illi ma saret ebda perizja biex tikkonferma jekk l-eżemplari hijiex dik indikata fl-akkuża;
d) In-nuqqas ta' prova dwar l-element formali tar-reat meħtieġ sabiex tissussisti l-ħtija; u
e) Il-piena erogata fil-konfront tal-appellant konsistenti f'multa ta' €10,000 hija eċċessiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju ventilat mill-appellant huwa jqanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija rilaxxjata minnu lil Uffiċjali investigattivi. Jikkontendi li meta ġie mitkellem minn dawn l-uffiċjali kemm min naħa tad-Dipartiment tas-Sajd, kif ukoll mill-Awtorita' dwar ir-Riżorsi, huwa ma ngħata l-ebda twissija skond il-Liġi u lanqas ma ingħatalu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat. *In oltre*, jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti skartat kwalunkwe dikjarazzjoni minnu magħmula, ma skartatx id-dokumenti li huwa għadda lill-uffiċjali nvestigattivi meta ġie minnhom mitkellem, sabiex b'hekk seta' inkrimina ruħu.

Illi jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha wasslet għad-deċiżjoni li twarrab kwalunkwe stqarrija jew dikjarazzjoni li l-appellant seta' għamel mal-uffiċjali investigattivi minn naħa tal-Awtorita' dwar ir-Riżorsi, u id-Dipartiment tas-Sajd. Kwindi dan l-aggravju għal dak li jikkonċerna dawn l-istqarrijiet huwa għal kwantu superfluwu għaliex l-Ewwel Qorti tat raġun lill-appellant meta lmenta illi meta ġie mitkellem huwa ma ingħatax it-twissija konformi ma' dak dispost fl-artikolu 355UA(6) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi abbinat ma' dan l-ilment, iżda, l-appellant iqanqal ukoll l-inammissibbilita' tal-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' dokumenti konsistenti f'*invoices* mgħoddija minnu lil dawn l-Uffiċjali meta kien qed jiġi investigat u dan għaliex ġaldarba huwa ma ingħatax twissija skont il-liġi, allura bil-fatt illi huwa għadda dawn id-dokumenti meta mitkellem mingħajr ma kien assistit minn avukat, seta' inkrimina ruħu.

Issa mill-Atti Proċesswali, jirriżulta li nhar it-30 ta' Settembru 2019, kienet saret spezzjoni mill-Uffiċjal Kurt Pisani mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet ta'l-Annimali gewwa l-istabbiliment ta' *Pisani Fisheries* fejn fl-i*stores* ġewwa il-*freezer* ta' dan in-negozju instabu sbatax-il speċi ta' *Short Fin Mako Sharks* xjentifikament magħrufa bħala *Isurus Oxyrinchus.* Dak in-nhar l-appellant għadda xi dokumenti lil dan l-uffiċjal konsistenti f'*invoices* u ċertifikat ta' provenjenza tal-ħut[1]. Id-Dipartiment minn hawn għarraf lill-Awtorita' dwar ir-Riżorsi, li minn naħa tagħhom komplew b'din l-investigazzjoni billi din l-ispeċi hija mħarsa bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.44. L-appellant imbagħad ġie mitkellem minn Gilbert Haber, Uffiċjal fi ħdan l-Awtorita', u dan f'spezzjoni oħra li saret fil-fond in kwistjoni nhar it-08 t'Ottubru 2019 fejn mart l-appellant ukoll għaddiet l-istess dokumenti lil Haber, imbaghad fis-16 ta' Ottubru dawn l-eżemplari ġew maqbuda mill-Awtorita' bl-appellant jiffirma *seizure note* eżebita bħala dokument GH4 in atti fejn jikkonferma il-qbid ta' din l-eżemplari ta' ħut.

Illi kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, l-appellant, bħala importatur tal-ħut għandu obbligi skont il-liġi li jrid neċessarjament jaderixxi ruħu magħhom fin-negozju tiegħu. Illi r-regolamenti 34 sa 37 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 jiddisponu illi:

> **34. Ħut importat għandu jitqiegħed f'*cold store* liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija malli jkun ġie żbarkat f'dawn il-Gżejjer, kemm-il darba ma jiġix awtorizzat il-bejgħ tiegħu immedjat mid-Direttur.**
>
> **35. Ħut imqiegħed fil-friża kif imfisser hawn fuq ma għandux jinħareġ mill-*cold storage* jew jinbiegħ mingħajr permess bil-miktub minn qabel mingħand id-Direttur, li jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jillimita l-kwantità ta' ħut li tista' hekk tinħareġ jew tinbiegħ.**
>
> **36. L-importaturi għandhom, malli jkun possibbli u, f'ebda każ aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li titlesta kull operazzjoni, jagħtu lid-Direttur rendikont li juri l-kwantità u l-kwalità tal-ħut kollu imqiegħed fil-friża kif ukoll ta' dak li jittieħed minnha. Id-Direttur għandu d-dritt jidħol f'*coldstore*.**

[1] Dokumenti mmarkati fl-Atti Proċesswali bħala Dok. GH2.

> **37. Id-Direttur għandu jkollu d-dritt li jidħol f'kull *coldstore* jew f'kull post ieħor fejn ikollu raġun jaħseb li jkun qed jinħażen ħut importat u għandu jingħata l-faċilitajiet kollha sabiex jivverifika l-esattezza ta' kull rendikont mogħti lilu mill-importaturi.**

Illi n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regolamenti jammonta għal reat u dan kif maħsub fir-regolament 41. Dan ifisser allura illi l-Uffiċjal Kurt Pisani kellu l-awtorita' jidħol biex jispezzjona il-ħut miżmum fil-*coldstores*, bl-appellant, skont il-liġi, jkun obbligat igħaddielu id-dokumentazzjoni kollha sabiex l-oriġini tal-ħut tkun tista' tiġi traċċata. Kwindi dan l-aggravju ventilat mill-appellant f'parti minnu huwa frivolu u infondat stante illi l-Ewwel Qorti kienet laqgħet it-talba tiegħu sabiex l-istqarrija tkun skartata, filwaqt li l-kumplament tal-aggravju marbut mal-inammissibilita' bħala prova tad-dokumenti mgħoddija mill-appellant lill-investigaturi stante illi ma ngħatax għajnuna legali, ma jistħoqqlhiex akkoljiment u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward.

**Ikkunsidrat:**

Dan ifisser illi lanqas it-tieni aggravju ma jistħoqqlu li jiġi milqugħ u dan meta l-appellant jilmenta illi d-dokumenti mgħoddija minnu stess lill-Awtoritajiet ma għandhomx valur probatorju billi mhumiex awtentikati, iżda biss fotokopja. Dawn id-dokumenti, kif ingħad jikkonsistu f' *invoices*, maħruġa mill-esportatur bl-isem *Directfish* ġewwa Spanja minn fejn tirriżulta l-importazzjoni ta' sbatax-il eżemplari ta' *Short fin mako shark* mill-appellant. Ma jistax l-appellant jikkontesta l-awtentiċita' ta' dokumenti li kienu fil-pussess tiegħu stess u li hu għadda lill-Awtoritajiet għaliex altrimenti jista' jkun passibbli għal proċeduri kriminali oħra u ċioe' li ipproduċa dokumenti mhux awtentiċi u allura foloz, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, u tar-regolamenti surriferiti. Fil-fatt saħansitra ir-regolament 49(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.44 jistipula li kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni jew tipprovdi dokumenti foloz hija ħatja ta' reat kontra r-regolamenti. Dan l-aggravju għalhekk huwa ukoll frivolu u mhux ser jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant imbagħad jilmenta illi il-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova il-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni stante illi ma tressqitx l-aħjar prova dwar in-natura tal-eżemplari misjuba fil-pussess tal-appellant u allura jekk dawn l-ispeċi kkonfiskati kenux fil-fatt 'l hekk imsejjħa *Isurus Oxyrinchus* jew *Short fin Mako Sharks* u dan għaliex ma saritx perizja fir-rigward sabiex tikkonferma li l-ezemplari filfatt kienu speċi projbita mill-Liġi.

Illi jingħad qabel xejn illi l-investigazzjoni tmexxiet minn Uffiċjali minn naħa kemm tad-Dipartiment tas-Sajd kif ukoll mill-Awtorita' tar-Riżorsi, li meta spezzjonaw dawn l-eżemplari ta' ħut ikkonstataw illi fuqhom kien hemm tikketta li tindika proprju li dawn kienu Pixxitondo jew aħjar *Shortfin Mako Shark,* liema speċi hija imħarsa bil-liġi. Fl-atti ġew minnhom eżebiti ritratti meħudin *in situ* waqt l-ispezzjoni. Abbinat ma' dan, id-dokumenti l-oħra ta' importazzjoni u ċ-ċertifikat ta' oriġini tal-ħut kollha jindikaw li l-ħut kien proprju tal-ispeċi protetta bil-liġi. L-appellant ma jikkontestax dawn id-dokumenti u lanqas jikkontesta l-fatt illi dak minnu importat ma kienx skont kif indikat lilu fid-dokumenti li juru l-oriġini tal-ħut u li kif ingħad huwa kien obbligat skont il-liġi li jirrapporta lill-Awtorita' konċernata.

Finalment l-appellant jikkontendi illi ma ġiex ippruvat l-element formali għal kummissjoni tar-reat u kwindi nieqes dan l-element huwa kellu jiġi illiberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu. Illi mill-provi misjuba in atti huwa indubitat illi fil-pussess tal-appellant instabet speċi ta' ħut imħarsa bil-liġi u li allura l-importazzjoni u il-bejgħ tal-istess huwa ipprojbit ħlief b'permess speċjali mill-Awtoritajiet ikkonċernati. L-appellant ma jistax igħid illi huwa kien injar minn dak li tipprovdi il-liġi fin-negozju tiegħu ta' importatur u bejjiegħ ta' hut. Dan il-permess jew awtorizazzjoni ma kellux u kwindi r-reat jirriżulta ppruvat. Billi anke dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ, qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, r-regolament 49(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja tipprovdi illi:

**"(2) Kull min jagħmel, jew jipprova jagħmel xi reat kontra r-regolamenti 24, 25, 26, 28 u 29 jista', meta jinstab ħati, jeħel:**

**(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) <u>għal kull eżemplari,</u> iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) <u>għal kull eżemplari;</u>"**

Dan ifisser illi tenut kont tal-fatt illi fil-pusess tal-appellant ġew misjuba mhux inqas minn sbatax-il eżemplari, dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhux biss hija fil-parametri tal-liġi, iżda tqarreb lejn il-minimu, u kwindi din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex tikkalibra il-piena fil-konfront tal-appellant. Illi finalment l-ilment ventilat mill-appellant dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-piena inflitta u n-natura ta' reat li dwaru huwa kien misjub ħati tilledi id-drittijiet fondamentali tiegħu, hija kwistjoni li teżorbita il-kompetenza ta' din il-Qorti u għalhekk mhijiex fis-setgħa tagħha li tiddetermina.

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha.

**Edwina Grima**
**Imħallef**